MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 503/2006/1

**Azzopardi Emanuel; Borg Joseph; Chapelle Mark; Galea Domnic; Galea Noel; Ghassan Abdullah; Grech Carmel; Grima John; Lapira Gerth; Portelli Marco; Shawkat Allah; Thornton Herman; Vella Ronald; Vento Victor; Abdilla Julius; Attard Joseph; Azzopardi Anthony; Azzopardi Anthony; Azzopardi Brian; Azzopardi Carmel; Azzopardi Mario; Bonello Steven; Bonnici John; Borg Richard; Carabott Carmel; Caruana Lawrence; Cutajar Eugene; Falzon George; Frendo Mario; Gafa` Joseph; Gatt Carmel; Gulia John; Hibs Edwin; Lagana Mario; Micallef Louis; Mizzi Anthony; Schiavone John; Scicluna Emanuel; Theuma Gaetano; Vella Anthony; Xuereb Saviour;**

**Marshall Neil; Zahra Rosario; Paul Aguis u Zahra Raymond**

**v.**

**M.V Maltese Falcon, bastiment tas-socjeta` Sea Malta Co. Ltd li hija fi stralc, bandiera Maltija u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2008 Dr. Martin Fenech u Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw il-bastiment "M.V. Falcon"; u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2008 gie revokat *contrario imperio* d-digriet tad-9 ta' Dicembru 2008 u gew nominati Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala likwidaturi tas-socjeta` Sea Malta Co. Ltd. u biex jirraprezentaw lil-bastiment "M.V. Falcon"**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat imressaq mir-rikorrenti li jghid hekk:

"1. Illi is-socjeta` Sea Malta Company Limited qeghda fil-process ta` likwidazzjoni u diga` nhatru John Abela u l-Avv. Andrew Chetcuti Ganado bhala likwidaturi sabiex jamministraw u jiddisponi mill-assi tas-socjeta`;

"2. Illi r-rikorrenti kienu mpjegati tas-socjeta` Sea Malta Co Ltd u li l-impieg taghhom gie terminat fit-30 ta` Dicembru, 2005;

"3. Illi r-rikorrenti sal-gurnata tal-prezentazzjoni ta` dan ir-rikors ma thallsux il-pagi, avviz ta` terminazzjoni, beneficcji u hlasijiet ohra dovuti lilhom skond il-Ftehim Kollettiv u skond il-ligi tal-impieg, liema hlasijiet kollettivament jammontaw ghal Lm1,043,876 (miljun, tlieta u erbghin elf, tmien mija u sitta u sebghin Liri), individwalment skond l-annessa skeda Dok. 1;

"4. Illi r-rikorrenti interpellaw diversi drabi lis-socjeta` Sea Malta Co Ltd kif ukoll il-likwidaturi tas-socjeta` sabiex jithallsu, izda dawn baqghu inadempjenti;

“5. Illi il-bastiment Mv Maltese Falcon jappartjeni lis-socjeta` Sea Malta Co Ltd;

“6. Illi il-kreditu tar-rikorrenti jikwalifika bhala privilegg specjali, fost ohrajn ai termini tal-Artikoli 37(10(a) u 50 (h) tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet ta` Malta) u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom dritt fuq il-bastiment Mv Maltese Falcon jew fuq il-qligh tal-bejgh tieghu;

“7. Illi l-Onorabbli Qorti diga` fissat il-gurnata ta` 1 ta` Gunju, 2006 sabiex jigi ezegwit il-bejgh b`subbasta tal-bastiment Mv Maltese Falcon;

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti in vista tas-suespost umilment jitolbu lil din il-Qorti:-

“1. Tiddikjara li l-kreditu li r-rikorrenti ghandhom fil-konfront tal-bastiment Mv Maltese Falcon, jew fuq il-qligh tal-bejgh tieghu, jikwalifika bhala privilegg specjali ai termini tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili;

“2. Tikkundanna u tordna l-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammonti hekk dovuti skond l-anness Dok. 1, jew somma ohra kif likwidati mill-Onorabbli Qorti, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament;
“Bl-ispejjes, l-konvenut huma minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta mressqa mill-bastiment intimat li in forza taghha gie eccepit illi;

“1. l-ghada li gie prezentat dan ir-rikors, u cioe` fl-1 ta` Gunju, 2006, l-vapur M/V Maltese Falcon inbiegh taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti b`digriet taghha tat-3 ta` Mejju, 2006, fuq talba precedenti tar-rikorrenti stess u *pendente lite* in anticipazzjoni tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghhom kontra s-Sea Malta Company Limited f`kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti kontra s-Sea Malta Company Limited;

“2. in segwitu tal-imsemmi bejgh, l-vapur intimat gie liberat favur terzi, u r-rikavat tal-bejgh ta` Lm1,750,000 gie depositat il-Qorti permezz ta` cedola ta` depositu numru 608/2006 f`isem ir-rikorrenti u Sea Malta Company Limited u mhux f`isem l-vapur intimat;

“3. b`sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti tas-6 ta` Gunju, 2006, r-rikorrenti gew kanonizzati kredituri tal-istess Sea Malta Company Limited fis-somma ta` Lm1,043,876.

“4. Sea Malta Company Limited ilha in stralc mis-sena 2005. Il-likwidaturi taghha John Abela u l-Avukat Andrew Chetcuti Ganado, in rappresentanza ta` dina s-socjeta` in stralc. Illi llum Sea Malta Company Limited m`ghadhiex il-proprjetarja tal-vapur M/V Maltese Falcon izda hija l-proprjetarja tar-rikavat tac-cedola tad-depositu 608/2006 in segwitu tal-imsemmi bejgh;

“5. fuq dan ir-rikavat hemm kompetizzjoni bejn diversi kredituri tas-Sea Malta Company Limited, fosthom dawk li jallegaw li ghandhom privileggi u ipoteki marittimi fuq l-istess vapur intimat, u diga` saru mill-anqas tlett diversi talbiet ghall-izbank, jew opposizzjoni ghall-izbank, fl-atti tac-cedola ta` depositu fuq imsemmija. Huwa mistenni li l-konkors ta` kredituri jinbeda immedjatament f`proceduri kontemplati mil-ligi bhala tassattivi f`dawn ic-cirkostanzi. Illi fid-19 ta` Gunju, 2006, r-rikorrenti stess, ghamlu rikors ghall-izbank fl-atti tal-imsemmija cedola 608/2006, u dan l-fatt wahdu juri kemm dina l-kawza hija superfluwa;

“6. bhala **l-ewwel eccezzjoni** allura ghandu jigi dikjarat illi l-ewwel talba tar-rikorrenti mhijiex sostenibbli f`dan il-gudizzju ghal tlett ragunijiet preliminari, u l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

“(a) peress illi hemm pendenti l-procedura apposita tal-konkors tal-kredituri fir-rigward tar-rikavat tal-bejgh tal-vapur intimat, u huma dawk il-proceduri skond l-Art. 416 tal-Kap. 12 li issa ghandhom bilfors jiehdu konjizzjoni ta` dina t-talba;

“(b) peress illi t-talbiet dedotti f`dan ir-rikors jaqghu barra mill-gurisdizzjoni tal-ammiraljat;

“(c) peress illi l-vapur intimat illum ghadda f`idejn terzi in esekuzzjoni ta` digriet ta` dina l-Onorabbli Qorti tat-3 ta` Mejju, 2006 (fuq istanza tal-istess rikorrenti) u illum hemm biss r-rikavat tieghu depositat kontra Sea Malta Company Limited, il-premessa debitrici f`dawk il-proceduri tal-bejgh;

“7. bhala **t-tieni eccezzjoni** allura ghandu jigi dikjarat illi t-tieni talba ghal kanonizzazzjoni u hlas tal-kreditu tar-rikorrenti huwa l-istess kreditu li gie kanonizzat fis-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta` Gunju, 2006 fil-konfront ta` Sea Malta Company Limited, u bhala rizultat, dina t-talba hija inutili fil-konfront tal-vapur la darba l-proprjetarja tieghu (fid-data li gie introdott dan ir-rikors) tinsab diga` kanonizzata debitrici ghall-imsemmi ammont – u, salv illi ma jsirx appell minn din is-sentenza, fit-terminu li jaghlaq fis-27 ta` Gunju, 2006, dina tikkostitwixxi *res giudicata* bejn l-istess partijiet dwar l-istess oggett;

“8. f`dan ir-rikors, ir-rikorrenti regghu avvanzaw l-allegazzjoni li hemm pagi mhux mhallsa. Dan mhux veru, ghax kif jirrizulta anke mis-sentenza tas-6 ta` Gunju, 2006, il-pagi taghhom thallsu sal-ahhar ta` Dicembru, 2006. Kull ma fadal huma *redundancy payments* skond il-ftehim kollettiv taghhom bejnhom u bejn Sea Malta Company Limited;

“9. mhux korrett l-premessa tar-rikorrenti illi l-ammonti dovuti lilhom skond is-sentenza tas-6 ta` Gunju, 2006, huma privileggati skond l-Artikoli 37 (10) (a); 50 (h) tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta` Malta (MSA) ghax r-*“redundancy payments”* mhumiex koperti jew kontemplati. L-Artiklu 50 (h) jindika biss dak li huwa dovut *“in respect of their employment on the vessel”*, u mhux *“in respect of their employment mal-shipowner”*.

“10. kreditu pretiz mir-rikorrenti huwa, se mai, dak kontemplat fl-Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, (Att XXII/2002) (*“EIRA”)* li jirregola kull impieg

regolat mil-ligi Maltija. Illi r-rikorrenti kienu kollha mpjegati minn Sea Malta Company Limited u qatt ghad irid jigi stabbilit min minnhom kienu u min minnhom ma kienux ngaggjati bhala ekwipagg fuq l-vapur intimat. Illi l-ftehim kollettiv invokat mir-rikorrenti kollha huwa l-ftehim kollettiv ma` Sea Malta Company Limited u mhux mal-vapuri ta` Sea Malta Company Limited. Illi huma gew kollha licenzjati minn Sea Malta Company Limited u mhux *"discharged"* mill-vapur;

"11. bhala **r-raba` eccezzjoni**, allura ghandu jigi dikjarat illi l-kreditu ta` kull rikorrent ma jgawdi ebda privilegg marittimu skond l-Artikolu 50 (h) jew Artikolu 37 (10) tal-Kap. 234 tal-ligijiet ta` Malta (MSA), *multo magis*, dawk li ma kienux ngaggjati bhala ekwipagg fuq il-vapur intimat, jew ingaggjati fuq il-vapuri l-ohra tas-Sea Malta, ghax l-kreditu taghhom huwa derivanti unikament minn ftehim kollettiv bejniethom u Sea Malta Company Limited, liema tip ta` kuntratt huwa *per natura sui generis* u unikament regolat u protett mill-EIRA (vide Art. 2 (1) u d-definizzjoni ta` *"collective agreement"* u ta` *"contract of service"*). Imkien huma kontemplati fil-MSA;

"12. huwa biss l-Artikolu 20 tal-EIRA, se mai, li jista` johloq privilegg favur ir-rikorrenti qua impjegati tal-kumpanija in stralc, tal-pagi u rimunerazzjoni ohra skond kalkolu fuq zmien ta` tlett xhur, liema privilegg ma jistax jissupera t-total ta` sitt xhur tal-paga minima nazzjonali. U dan huwa tassittiv ghax l-Artikolu 20 jipprevali *"expressis verbis"* fuq kull ligi ohra;

"13. bhala **l-hames eccezzjoni**, illi la darba r-rikorrenti kienu mpjegati minn kumpanija Maltija, f`Malta, huwa dak l-impieg li huwa regolat mill-artikoli tal-EIRA, naturalment salv dawk l-artikoli msemmijin mill-Artikolu 39 tal-istess EIRA. L-EIRA japplika favur dawn il-bahrin bhal kull impjegat iehor Malti f`Malta, u allura fl-interess ta` kull kreditur iehor ta` *employer* Malti insolventi, il-privilegg tal-pagi u rimunerazzjoni ohra favur l-impjegati tas-Sea Malta, huwa *ikkappjat* ex lege u ebda kuntratt kollettiv ma jista` jbiddel l-imperattiv ta` dan l-Artikolu 20;

"14. fuq l-imsemmija eccezzjonijiet huma kollha maghmula wahda minghajr pregudizzju ghall-ohra u skond l-ordni taghhom.

"15. ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar, 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ir-rikorrenti kienu impjegati tas-socjeta` Sea Malta Co. Ltd. L-impieg taghhom kien gie terminat f`Dicembru 2005. Huma jghidu li ghadhom ma thallsux dak li hu dovut lilhom, cioe` pagi u beneficcji ohra dovuti lilhom skond kemm il-ftehim tal-impieg u kif ukoll skond il-ligi li tirregola l-impiegi. Dawn jammontaw ghal Lm1,043,876. Huma ghalhekk bdew dawn il-proceduri *"in rem"* kontra l-bastiment Maltese Falcon li kien proprjeta` tas-socjeta`. Jirrizulta illi f`Marzu, 2006, ir-rikorrenti odjerni kienu talbu, fost hwejjeg ohra, li jigi projbit kull negozju fil-vapuri Maltese Falcon u Mv Zebbug. Din it-talba kienet giet milqugha mill-Qorti fil-15 ta` Marzu, 2006 u din id-decizjoni kienet giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta` April, 2006.

"Ir-rikorrenti, fi Frar, 2006, kienu intavolaw proceduri fil-konfront tas-socjeta` Sea Malta fejn talbu li Sea Malta tigi dikjarata debitrici tal-ammont ta` Lm1,043,876. Il-Qorti laqghet din it-talba u kkundannat lis-socjeta` Sea Malta thallashom. Din is-sentenza ma gietx appellata u ghaddiet in gudikat. Il-kreditu taghhom ghalhekk huwa issa kanonizzat. Il-vapur fil-fatt inbiegh fl-1 ta` Gunju, 2006 fuq talba ta` l-istess rikorrent. Ir-rikavat gie depozitat il-Qorti. Granet wara dan il-bejgh, inbeda konkors ta` kredituri, quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Dan inbeda fuq talba tal-Bank of Valletta u qed

jirrikonkorru fih ir-rikorrenti odjerni u kredituri ohra tas-socjeta`.

“F`dan il-kuntest, ir-rikorrenti odjerni qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-kreditu taghhom huwa privileggat skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Dwar din it-talba l-intimat qed jeccepixxi li ghandu jigi liberat mill-osservanza peress illi ghaddej konkors ta` kredituri skond l-Art. 416 tal-Kap. 12.

“Il-Qorti tibda biex tirrimarka illi dawn il-Qrati gia` kellhom l-okkazzjoni jikkumentaw fuq sitwazzjoni simili. Fil-kawza Joseph Zammit vs Nazzareno Caruana P.A. 8 ta` Jannar, 1958. Ghalkemm f`din il-kawza wiehed jifhem li kien qed jintalab dikjarazzjoni ta` privilegg qabel il-kanonizzazzjoni ta` l-istess kreditu, il-Qorti xorta wahda enfasizzat is-segwenti:-

*“Jekk, imbaghad l-attur ghandu jew kellu motiv jahseb li jistghu jew setghu jigu l-quddiem kredituri ohra tal-istess debitur b`xi jeddijiet ta` preferenza fuq il-haga in kwistjoni, kien dmiru, f`azzjoni intiza ghall-esperiment tal-privilegg li qieghed jallega, jiccita wkoll direttament dawk l-istess kredituri, biex jara li jipprevali fuqhom id-dritt tieghu minnu sostnut;* ***l-ghaliex fil-konkorrenza tal-kawza tal-kredituri taghhom biss tista` tigi valutata u apprezzata l-istess prevalenza …***

*“Illi, kwindi, l-affermazzjoni gudizzjali tal-jeddijiet legittimi ta` preferenza reklamati mill-attur kontra d-debitur biss, apparti li hija inopportuna jekk ma hemmx kreditu ta` haddiehor fuqha, hija indubbjament intempestiva u* ***din il-Qorti ma tistghax tissanzjoni procediment simili, operabbli u applikabbli ghall-kaz ta` konkors ta` kredituri fuq l-istess haga tad-debitur”****.*

“Il-Qorti hi tal-fehma li privilegg huwa konsiderat tali precizament ghaliex qieghed in relazzjoni ma krediti ohra. Il-privilegg ma jigix konsiderat go vakwu. Huwa essenzjalment privilegg ghaliex igawdi pozizzjoni ahjar minn kreditu ohra. Is-sinjifikat u importanza ta` privilegg tezisti dejjem *“in relation”* ma’ talbiet u pretensjonijiet ohra.

Huwa precizament ghalhekk li jinbeda u jsir il-konkors ta` kredituri.

“Il-Qorti hi tal-fehma li jekk kellha taghti hija f`dan l-istadju xi dikjarazzjoni ta` preferenza tkun qed tassumi funzjoni li hi essenzjalment ta` dik il-Qorti li qed tevalwa l-konkors ta` kredituri. Hija dik il-Qorti biss li tista` tghid min jigi qabel min. Galadarba l-kreditu tar-rikorrenti odjerni huwa gia` kanonizzat, huwa f`dak il-forum li jrid ikompli l-iter ta` dan il-vjagg tar-rikorrenti odjerni.

“Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal Art. 162 tar-Regolamenti ta` l-2004 *“Merchant Shipping Organizations Private Companies”*, kif kwotat mir-rikorrenti u tirrimarka illi dan l-Artikolu stess jippresuponi li jkun l-istralcjarju li jiddetermina l-gradwatorja, bid-dritt ta` rikors lejn il-Qorti jekk xi kreditur ma jaqbilx. Dan, fil-fehma tal-Qorti ma japplikax ghal-kaz odjern. Il-process ta` klassifikazzjoni u gradwazzjoni tal-krediti ghadu ghaddej quddiem il-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tal-konkors ta` kredituri li fl-ahhar mill-ahhar beda jsehh meta l-istess rikorrenti odjerni talbu u ottjenew il-bejgh tal-vapur.”

Rat l-appell tar-rikorrenti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikancella d-decizjoni tal-ewwel Qorti tad-19 ta’ Frar 2008, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-atturi, kollha ex-imjegati tas-socjeta` Sea Malta Co. Ltd., qed jitolbu dikjarazzjoni li l-kreditu taghhom, kanonizzat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili b’sentenza tas-6 ta’ Gunju 2006, li ghaddiet in gudikat, “jikkwalifika bhala privilegg specjali ai termini tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.” Il-kreditu tar-rikorrenti gie kanonizzat fil-konfront tas-socjeta` Sea Malta Co. Ltd. u

issa jridu dikjarazzjoni li dak il-kreditu hu munit bi privilegg marittimu.
L-ewwel Qorti lliberat lill-bastiment konvenut mill-osservazzjoni tal-gudizzju wara li qieset li l-bastiment in kwistjoni, l-Mv Maltese Falcon, inbiegh bis-subasta taht l-awtorita` tal-Qorti, ir-rikavat gie wkoll depozitat taht l-awtorita` tal-Qorti, u peress li hemm diversi kredituri bi pretensjonijiet fuq ir-rikavat, infethu u ghad hemm pendenti quddiem il-Qorti konkors tal-istess kredituri; fid-dawl ta' dan, l-ewwel Qorti qalet li l-prentensjoni tar-rikorrenti ghandha tigi mistharrga fil-process tal-konkors, fejn finalment ghandu jigi determinat min mill-kredituri ghandu dritt jithallas bi priorita`.

Ir-rikorrenti appellaw u jsostnu li indipendentement mir-*ranking* tal-kredituri fil-konkors, huma ghandhom dritt jitolbu dikjarazzjoni li l-kreditu taghhom igawdi minn privilegg marittimu.

Ir-rikorrenti jargumentaw li biex jipprotegu l-interessi taghhom, ghandhom dritt jipprocedu *in rem* kontra l-bastiment biex jigi dikjarat li dak il-kreditu hu "dritt f'bastiment" fit-termini tal-Artikolu 37(10)(a) tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan is-sub-artikolu jqies bhala dritt f'bastiment pretensjoni garantit bi privilegg fuq il-bastiment; skond huma dan il-privilegg johrog mill-Artikolu 50(h) tal-istess att.

Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, tifhem li din l-allegazzjoni tar-rikorrenti ghandha tigi mistharrga fil-konfront tad-debitur u l-kredituri l-ohra kollha, peress li din il-kwistjoni ma tolqotx biss lid-debitur jew lill-bastiment in kwistjoni, izda fuq kollox lil-kredituri l-ohra li qed jikkompetu fuq is-somma rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tal-istess bastiment. Kwindi l-legittimi kontradittturi tal-pretensjoni rikorrenti hija mhux biss il-vapur intimat, izda l-kredituri konkorrenti l-ohra, u dana peress li, kif jghid it-Trabucchi ("Istituzzjoni di Diritto Civilie", CEDAM, 29$^{o}$ Ediz, pagna 602), il-privilegg *"si attua sostanzialmente in danno degli altri creditori, i quali, per contrapposto, si chiamano chirografari".* Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jippruvaw jiehdu vantagg fuq il-kredituri l-ohra billi, fl-

assenza taghhom, jitolbu dikjarazzjoni li l-kreditu taghhom hu munit bi privilegg. Hu veru li, f'dawn il-proceduri r-rikorrenti mhux qed jitolbu li jigu pre-gradwati qabel xi kreditur iehor, pero`, dikjarazzjoni ta' privilegg, kieku tinghata f'dawn l-atti, tippregudika bil-kbir l-kredituri l-ohra.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Spiteri v. Aguis**, deciza fis-6 ta' Ottubru 2000, b'approvazzjoni ta' dak li jghid il-*Baudry Lacantinerie*, id-definizzjoni li taghti l-ligi bil-privilegg, hija prova,

*"che il legislatore non ravvisa nel privilegio che il diritto di preferenza che produrra i suoi effetti aspetto agli altri creditori dello stesso debitore. Quando di loro potra` essere invocato, il privilegio conferisce a chi ne investito il diritto di essere preferito agli altri creditori, anche ipotecari. Il privilegio dunque genera un privilegio di preferenza in virtu` del quale il creditore privilegiato e' pagato prima di tutti gli altri. Serve cosi a regolare i rapporti dei creditori di uno stesso debitore a determinare l'ordine col quale saranno collocati."*

Dan hu l-iskop ta' privilegg, u meta l-ezistenza tieghu hu kontestat, l-istharrig gudizzjarju tieghu irid isir fil-konkors tal-kredituri l-ohra kollha.
Ir-rikorrenti gew kanonizzati kredituri ta' kumpannija li, milli jidher, bhala assi ghandha zewg vapuri: l-Mv Zebbug u l-Mv Maltese Falcon. Kif inhu permess bil-ligi marittima, dawn iz-zewg vapuri qed jitqiesu b'mod separat tant li infethu zewg konkorsi fuq ir-rikavat mill-bejgh taz-zewg vapuri. Ir-rikorrenti, bhal kull kreditur iehor, kellhom id-dritt jikkompetu ghall-hlas mir-rikavat u fil-fatt hekk qed jaghmlu. Issa, jekk dak il-kreditu, ghandux jikwalifika bhala privilegg fuq il-bastiment, kif qed jippretendu r-rikorrenti, irid jigi mistharreg in kontrapposizzjoni mal-kredituri l-ohra, l-aktar li jkunu milquta bid-decizjoni in materja. Biex dak il-kreditu tar-rikorrenti jitqies bhala privilegg fuq bastiment, mhux mehtieg li jinfethu proceduri ad hoc kontra l-bastiment; li hu importanti hu li dak il-kreditu jidhol biex ikun kopert bl-Artikolu 50 tal-att imsemmi. Fil-fatt, dan l-artikolu jghid li "l-krediti specifikati hawn taht jigu garantiti permezz ta' privilegg specjali fuq il-

bastiment…"; kwindi, li jkunu jridu juru fl-atti tal-konkors hu li l-kreditu taghhom hu wiehed minn dawk "specifikati" fl-imsemmi artikolu.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza kwotata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **Zammit v. Caruana noe**, deciza fit-8 ta' Jannar, 1958, l-affermazzjoni gudizzjali tal-jeddijiet legittimi ta' preferenza reklamata kontra d-debitur biss, kif inhu il-kaz in ezami, "hija indubbjament intempestiva". It-talba, osservat dik il-Qorti, ghandha ssir fil-konfront ta' kredituri ohra li jistghu jkunu jippretendu privilegg huma wkoll fuq l-istess oggetti. Dik il-Qorti qalet ukoll li jekk f'kawza wahda ssir talba ghall-kanonzazzjoni tal-kreditu u biex il-kreditu reklamat jigi dikjarat privileggjat, il-Qorti, filwaqt li tikkonanizza l-kreditu, jekk ikun dovut, ghandha tillibera "*ab observantia*" mit-talba ghad-dikjarazzjoni tal-privilegg.

F'dan il-kaz, il-kreditu tar-rikorrenti huwa gia` kanonizzat b'sentenza li ghaddiet in gudikat, izda t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' privilegg, la darba din timmodifika l-ugwaljanza li timmilita bejn il-kredituri tal-istess debitur, trid tigi ezaminata fil-konkors li hemm pendenti quddiem dawn il-Qrati (ara **Concorso di creditori sul ricavato del vapore 'Raetaria'**, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Novembru 1922).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------